MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru 767/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**

**KONTRA**

**KEVIN BRINCAT**
**IVAN GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kevin Brincat ta’ 33 sena, bin missier mhux maghruf u Emanuela Brincat, mwieled Pieta’ nhar id- 9 ta’ Settembru 1975, residenti fil-fond numru 8, Triq il- Ferrovija l-

Qadima, B'Kara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 422775(M);

U

Ivan Galea ta' 34 sena, bin il- mejjet David u Maria Assunta nee' Vella, mwieled Pieta' nhar il- 5 ta' Ottubru 1974, residenti fi Blokk A Flat 8, Triq San Nikola, Valletta, u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 500774(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fid- 29 ta' Lulju 2009, ghal habta tat- 3.15pm, fi Triq ir- Repubbllika,Valletta minn gewwa l- istabbiliment Voda Retail Outlet, ikkommettew serq ta' 4 telephones cellulari, ghad- dannu tal- kumpanija Vodafone Malta Ltd., liema serq huwa aggravat bil- valur u l- iskass;

2) Akkuzati wkoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' skassaw vettrina li kienet tassigura l- imsemmija mobile phones fuq xkaffa, ghad- dannu ta' Vodafone Malta Ltd.;

3) U aktar talli z- zewg imputati Kevin Brincat u Ivan Galea huma akkuzati talli rrendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq

skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni hekk maghmula minnhom;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sentejn prigunerija.

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi l-assistenza mehtiega biex l-imputati jaghmlu program ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------